16 ta' Mejju, 1949.

Imħallfin:

Is-S.T.O. Sir G. Borg, Kt., M.B.E., LL.D., *President*

L-Onor. Prof. Dr. E. Ganado, LL.D.

L-Onor. Dr. L.A. Camilleri, LL.D.

Neg. Antonio Caruana et. *versus* Joseph Debono et. ne. (*)

**"Pools" — Soċjetà — Likwidazzjoni.**

*Il-"pools" li saru fi żmien il-gwerra ma jistgħux jissejħu bħala veri soċjetajiet skond il-liġi kummerċjali.*

*Avvolja l-"pool" ikun sar għal żmien determinat, l-assoċjati ma jistgħux wara li jispiċċa dak iż-żmien, jekk il-Gvern jidhirlu li l-"pool" għadu jibqa' jeżisti, ixolju l-"pool" u jitolbu l-likwidazzjoni tiegħu. Meta jagħlaq iż-żmien, id-distributuri tal-"pool" jistgħu jitilqu minn distributuri, u jekk iridu anki minn membri, u allura jitolbu d-drittijiet tagħhom di fronti għall-"pool", "si et quatenus"; imma sakemm il-"pool" jibqa' jeżisti, id-distributuri u anki l-membri ma jistgħux jitolbu d-drittijiet tagħhom sakemm jibqgħu distributuri jew membri.*

---

(*) B'digriet tas-6 ta' Diċembru 1949 ġie mogħti lill-atturi f'din il-kawża l-permess definitiv biex jappellaw lill-Kumitat Ġudizzjarju tal-Maestà Tiegħu r-Re. B'sentenza tat-23 ta' April 1951 il-Kumitat Ġudizzjarju tal-Maestà Tiegħu r-Re irrevoka din is-sentenza.

Il-Qorti — Rat iċ-ċitazzjoni ta' l-atturi quddiem il-Qorti tal-Kummerċ tal-Maestà Tiegħu, fejn ippremettew illi ż-żmien ta' sentejn mill-24 ta' Jannar 1944 li għalih ġie kostitwit il-"Wholesale Foodstuffs Pool" għalaq fit-23 ta' Jannar 1946, u dana ż-żmien ma ġġeddidx skond il-kuntratt tal-kostituzzjoni tal-Pool; u illi l-konvenuti qegħdin jippretendu illi dak il-Pool għandu jikkontinwa; u illi skond l-istess att ta' kostituzzjoni l-Board tad-Diretturi għandu s-setgħa illi meta tispiċċa s-soċjetà jgħaddi minnufih għall-likwidazzjoni tagħha; talbu illi, wara li jiġu premessi d-dikjarazzjonijiet meħtieġa u meħudin il-provvedimenti xierqa, (1) jiġi dikjarat u deċiż illi l-imsemmi Pool spiċċa "ipso jure" billi għalaq iż-żmien illi għalih ġie kostitwit, u (2) il-konvenuti jiġu kundannati biex jgħaddu għall-likwidazzjoni ta' l-istess Pool; bl-ispejjeż;

*Omissis;*

Rat is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Kummerċ tal-Maestà Tiegħu fil-25 ta' Novembru 1948, fejn ċaħdet it-talbiet bl-ispejjeż kontra l-atturi, salva lill-atturi kull xorta ta' azzjoni meta jispiċċa l-Pool, jekk u skond il-liġi; wara li kkunsidrat;

Illi l-Pool mhijiex soċjetà fis-sens ġuridiku tal-kelma, kif kostantement ġie ritenut mill-Qrati Tagħna, peress li huwa amalgamazzjoni ta' kummerċjanti, ordnat mill-Gvern għall-iskop ta' faċilitazzjoni ta' l-importazzjoni u distribuzzjoni ta' ġeneri razzjonati minħabba ċ-ċirkustanzi anormali tas-swieq tad-dinja; illi min daħal fil-Pool daħal għax kien jaqbillu, u meta jagħlaq iż-żmien jista' joħroġ; imma huma ma jistgħux jitolbu l-likwidazzjoni tal-Pool, għax il-Pool iridu l-Gvern, u għalhekk li-nteressati ma jistgħux iħolluh; però huma mhumiex obligati jibqgħu hemm la darba għalaq iż-żmien;

Illi kif il-Pools ma sarux ħlief bl-ordni tal-Gvern, għalhekk ma jispiċċawx b'sempliċi kunsens ta' l-interessati; min ma jkunx irid jibqa' jista' joħroġ, salvo li jbati l-konsegwenzi; u għalhekk it-talba għall-likwidazzjoni hija intempestiva, u kif inhi formulata insostenibili;

Rat in-nota ta' l-appell ta' l-atturi u l-petizzjoni tagħhom,

ħeju talbu illi dik is-sentenza tiġi revokata bl-ispejjeż, billi t-talbiet ta' l-atturi jiġu milqugħa bl-ispejjeż;

*Omissis;*

Tikkunsidra;

Illi kif tajjeb irriteniet l-Ewwel Qorti, in bażi għal diversi sentenzi ta' din il-Qorti, konfermatorji ta' dawk ta' l-Ewwel Qorti, il-Pools li saru waqt il-gwerra ma jistgħux jissejħu bħala veri soċjetajiet skond il-liġi kummerċjali. Il-gravam ta' l-appellanti huwa illi, apparti dan, la darba huma daħlu f'dak il-Pool volontarjament u sar dak il-kuntratt, li kopja tiegħu hija eżibita fl-atti, li minnu jidher illi l-interessati vvinkolaw ruħhom *għal żmien sentejn, meta dak iż-żmien spiċċa, la darba* ma kienx hemm ir-renova ta' dak il-kuntratt, vwoldiri illi dak il-ftehim spiċċa u huma baqgħu liberi u għalhekk għandhom dritt jitolbu l-likwidazzjoni ta' ħaġa jew ta' enti li kienet jew li kien spiċċa. Kieku dak il-Pool sar u nħoloq skond dak li ssottomettew l-appellanti, allura l-argument tagħhom kien ikun aċċettabili; imma l-appellanti nsew element fil-kreazzjoni tal-Pools, li huwa importanti ħafna, sew fil-kreazzjoni tiegħu kemm fix-xoljiment ta' l-istess enti; u dan l-element huwa l-intervent tal-Gvern, li waqt iċ-ċirkustanzi anormali li konna fihom kellu nteress li jsiru dawk il-Pools, kif jirriżulta b'mod l-aktar ċar mix-xhieda ta' Eustratio Petrococchino, li kien l-F.C.C.O. u huwa edott bl-affarijiet kollha konċernenti din il-materja. Dak ix-xhud qal illi l-Gvern *ried li jsiru dawn* il-Pools għal ċerta raġuni ta' kontroll, u ried ukoll illi d-distributuri jkunu nominati mill-Gvern, proposti però mill-membri tal-Pool. Irriżulta illi dejjem sar hekk, u li meta d-distributur ma jkunx irid jibqa' bħala distributur, allura l-Gvern minn dawk il-membri jinnomina persuna oħra; u dan is-sistema baqa' sa l-epoka preżenti; illi l-Pools għadhom jeżistu, u li d-distributuri jkunu nominati mill-Gvern;

Tikkunsidra;

Illi la darba huwa hekk, u la darba l-Gvern mill-bidu qal illi d-distributuri għandhom iżommu ċerta perċentwali li kienet tal-55%, mentri l-45% għandhom imorru għall-Pool, inklużi d-distributuri bħala membri tal-Pool, perċentwali li issa, minħabba li ċ-ċirkustanzi tbiddlu, tbiddlet ukoll, dan *il-Pool*

ma jistax jinħall u jispiċċa mingħajr ma jkun hemm l-awtorizzazzjoni tal-Gvern. Infatti, la darba l-Awtorità kompetenti jidhrilha illi għalkemm għadda ż-żmien, ċertu kontroll għadu neċessarju, u għalhekk għal dak il-kontroll limitat il-Pool għandu jibqa' jeżisti, ma jistgħux l-interessati, "marte proprio", jippretendu li jħollu dik l-assoċjazzjoni indipendentement mill-awtorizzazzjoni ta' l-Awtorità. L-appellanti jgħidu illi la darba l-kuntratt sar għal sentejn, meta spiċċaw is-sentejn kulħadd kien liberu; però dana l-prinċipju hekk assolut, kif intqal iżjed 'il fuq, għandu jiġi konkatenat ma' l-interess publiku fl-eżistenza tal-Pool. Jekk id-distributur, wara s-sentejn, ma riedx jibqa', vwoldiri illi huwa seta' jiddikjara li kien vinkolat għal sentejn u għalhekk iħalli minn distributur u, jekk irid, iħalli wkoll mill-Pool; u allura, meta jkun għamel hekk, jitlob id-drittijiet tiegħu di fronti għall-Pool, "si et quatenus";

Tikkunsidra;

Illi però, "rebus sic stantibus", la darba l-Pool għadu jeżisti, għax il-Gvern irid illi l-Pool għall-eżiġenzi soċjali għandu għal issa jibqa', u la darba l-appellanti baqgħu distributuri u għadhom membri tal-Pool, ma jistgħux jeżerċitaw din l-azzjoni; u f'dan is-sens allura l-azzjoni hija intempestiva; għaliex huma għandhom iħallu mhux biss minn distributuri, imma anki mill-Pool, biex jitolbu d-drittijet tagħhom, jekk għandhom xi drittijiet "si et quatenus";

Għal dawn ir-raġunijiet, u għal dawk ta' l-Ewwel Qorti sa fejn kompatibili ma' dawn il-konsiderandi;

Tiddikjara illi din l-azzjoni hija intempestiva, u għalhekk tillibera l-konvenuti mill-osservanza tal-ġudizzju, u f'dan is-sens tilqa' l-appell ta' l-istess atturi, in kwantu l-Ewwel Qorti illiberathom mit-talba. L-ispejjeż taż-żewġ istanzi ma jkunux taxxati bejn il-partijiet; id-dritt tar-reġistru kontra l-appellanti.